Fit-Tribunal Industrijali

Fit-Tilwima tax-Xoghol bejn Enemalta Senior Staff Union

U

Enemalta Corporation dwar "Union Recognition"

Kaz. Nru. 1375

Decizjoni numru 1355.

Illum, 2 ta' Novembru 2002

Chairman: Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.
Membri: Michael J. Mallia
Maurice Agius

INTRODUZZJONI:

Illi b'ittra datata 20 ta' Settembru 1999, l-Union talbet lill-Onorevoli Ministru tal-Politika Socjali jirreferi din it-tilwima lil dan it-Tribunal ghad-decizjoni tieghu ai termini tal-Kap 266, liema riferenza saret b'ittra datata 28 ta' Settembru 1999.

DIKJARAZZJONI TAL-KAZ:

Illi l-Union debitament registrata, tirraprezenta l-maggoranza assoluta tal-haddiema tal-Enemalta li jokkupaw il-gradi ta' managers u assistant managers ghal skali minn 4 il-fuq. Iz-zewg unions l-ohra esistenti fuq il-post tax-xoghol – GWU tkopri grad ta' skali numru 7 sa 20 Heads u Principals, u l-EPOU minn grad 4 sa 9 – bhala professjonisti u gradwati. Ghamlet it-talba odjerna ghar-rikonoxximent taghha bhala tali mill-Enemalta.

Da parti taghha, il-Korporazzjoni ma taqbilx ma' tali ghoti ta' rikonoxximent billi ma tistax titqies bhala l-membri taghha jappartjenu ghal kategorja distinta, separata u omogenja.

FATTI:

Bhala fatt mhux kontestat li l-membri tal-Union jokkupaw kariga distinta mill-haddiema l-ohra tal-Enemalta. Jifformaw l-essenza tat-tmexxija bhala management fil-Korporazzjoni. Huma koperti minn 'individual performance contract', ma jifformawx parti minn union ohra jew ftehim kollettiv vigenti. Anzi hafna drabi jidhru u jirraprezentaw lil management f'diskussjonijiet mal-Unions l-ohra esistenti fuq il-post tax-xoghol specjalment fejn jikkoncernaw kondizzjonijiet ta' xoghol li jikkulminaw fl-iffirmar ta' ftehim kollettiv. Ghalhekk hassew necessita li jinghaqdu f'ghaqda sindakali biex iharsu l-interessi taghhom.

KONSIDERAZZJONIJIET:

Illi ma ghandhux ghalfejn jigi ribadit x'wassal lil haddiema biex jassocjaw ruhhom f'ghaqda sindakali sabiex id-drittijiet taghhom jigu enuncjati w applikati fil-konfront ta' min ihaddimhom. Il-kreazzjoni tal-union hija frott ta' ghexieren ta' snin ta' lotta u konfrontazzjoni biex il-haddiem jinghata dik l-istatura li jisthoqqlu fl-ambjent lavorattiv kopert f'qafas legali li fiha tista tiffunzjona.

It-Tribunal ma jistax jassocja ruhu mal-atteggjament kif assunt mill-Korporazzjoni ossia li l-materja dwar rikonoxximent ma tigix assorbita internament izda tigi rimessa lil dan it-Tribunal ghad-decizjoni tieghu. Sia l-ligi u sia l-prassi jikkostitwixu makkinarju utili w adegwat sabiex kwistjoni simili tigi rizolta amikevolment. Saru zviluppi appozitivament fil-kamp u relazzjonijiet industrijali sabiex event simili jigi provdut ghalih.

Jigi rilevat illi l-kredenzjali tal-Union ma gewx kontestati mill-Korporazzjoni. L-Union hija regolament registrata skond il-ligi. Il-membri taghha huma l-unici haddiema li mhux koperti b'xi ftehim kollettiv ezistenti u/jew vigenti. Il-kariga taghhom hija pjuttost partikolari ghaliex huma li jikkontrataw ruhhom ghal principal taghhom vis-à-vis il-haddiema l-ohra. Huma pero' vis-à-vis il-Korporazzjoni – min ser ikoprihom. Jinghad illi l-impjieg taghhom huwa regolat minn kuntratt individwali

ta' esekuzzjoni tal-funzjonijiet lilhom addebitati u minnhom assunti.

Illi l-membri tal-Union hija klassi partikolari fuq il-lant tax-xoghol. Huma dawk in-nies li hadd ma jista' jaghmilhom xogholhom – huma dawk li ihaddmu u jmexxu l-Korporazzjoni. Huma s-staff ultra importanti li minghajrhom l-istess Korporazzjoni ma tistax tregi – jigu u jaqghu taht il-Bord tad-Direzzjoni pero' huma huma li jkunu ta' kuljum prezenti fuq il-post tax-xoghol. F'dan is-sens ukoll huma distinti mill-haddiema ohra, ma hemmx klassi ohra simili ghalihom fl-istess Korporazzjoni. Inoltre ghandhom skop wiehed li hu applikabbli ghal membri kollha – xogholhom huwa l-management. Hija hawn li tezizti l-utilita' taghhom. Mhux hekk biss, izda x-xoghol u l-kariga taghhom ma tistax tigi konfuza ma xi klassi ohra u/jew tigi assorbita minn xi klassi ohra fuq il-post tax-xoghol. Principji u regoli partikolari applikabbli ghal-ufficju ta' management ma jsibx kopja u/jew somiglinza f'xi ufficcju iehor. Fl-ahhar izda zgur mhux fl-inqas, anke l-istess definizzjoni hija partikolari – ma hiex assimilata fiz-zewg unions u ftehim kollettiv imhaddma u esistenti fil-Korporazzjoni.

F'dan ir-rigward ikun opportun li jigi rilevat illi minhabba dawn il-kondizzjonijiet, id-decizjoni numru 1079 mhux applikabbli ghal kaz in dezamina stante li ma jissussistux l-istess ingredienti. Anzi il-kaz odjern imur oltre minn hekk, u d-decizjonijiet numru 649 u 334 huma aktar similattivi. It-Tribunal jista' jifhem il-preokkupazzjoni tal-Korporazzjoni li fuq il-post tax-xoghol, jigi rinfaccjat f'termini ta' negozjar,

minn diversi ghaqdiet sindakali li jkopru lil diversi klassijiet ta-haddiema. Veru li s-sahha qieghda fl-ghaqda – in-negozjar kollettiv huwa aktar b'sahhtu w awspikat milli dak spezzettat fi gruppi appositi. Id-diversita tista ma tkunx salutevoli u/jew ma jkolliex ezitu lavorattiv mixtieq. Pero' meta ghaqda ezistenti ma tkoprix klassi ta' haddiema li jixtiequ li jkunu sindikalizzati, dan it-Tribunal u kwalunkwe Tribunal ma jistax jinnegalhom dan id-dritt. Aktar u aktar meta ghandhom il-kwalifiki kollha rikjesti biex tigi lilhom akkordata r-rikonoxximent.

KONKLUZJONI:

It-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kwistjoni tax-xoghol billi jiddikjara li l-Union ghandha dritt li tigi rikonoxxuta mill-Korporazzjoni li tirraprezenta l-interessi tal-haddiema fuq skala 412 – fuq l-gradi ta' Assistant Manager u ghola.